**24 ta' Marzu, 1950**

**Imħallfin :**

**Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.***
**L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.**
**L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.**

**Neg. Giovanni Dacoutros *versus* Eustratius Petrocochino ne. et.**

**"Food and Commerce Control Officer" — Illeġittimità tal-Persuna — Kap ta' Dipartiment — Amministraturi Pubbliċi — Rappreżentanza Ġudizzjarja — Art. 781 u 180 (a) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili — Art. 50 tal-Malta Defence Regulations, 1939.**

***L-eċċezzjoni ta' illeġittimità tal-persuna tista' tingħata meta l-attur jew il-konvenut huwa inkapaċi skond il-liġi biex jaġħmel f'kawża, inkella biex iħarrek jew jiġi mħarrek fl-isem u fl-interess ta' ħadd ieħor mingħajr ma jkun awtorizzat skond il-liġi għal daqshekk.***

***Hemm imbagħad xi persuni msemmijin mill-liġi, li kontra tagħhom l-eċċezzjoni ta' illeġittimità tal-persuna ma tistax tiġi mogħtija; fosthom il-Kapijiet tad-Dipartimenti u amministraturi pubbliċi oħra.***

***Il-"Food and Commerce Control Office" huwa dipartiment ġdid li nħoloq minħabba l-emerġenza tal-gwerra; u l-Uffiċjal għall-Kontroll ta' l-Ikel u Kummerċ, nominat bħala kap ta' dak id-Dipartiment, huwa persuna leġittima biex jirrappreżenta dak id-dipartiment fil-proċedimenti ġudizzjarji li għandhom konnessjoni ma' l-eżerċizzju tal-funzjonijiet ta' dak l-uffiċjal.***

***Lanqas ma jista' jingħad li dak l-uffiċjal ma għandux ir-rappreżentanza ta' dak id-dipartiment billi l-istess dipartiment ġie kreat bis-saħħa tal-Malta Defence Regulations u dawn ma għandhomx is-setgħa li jagħtu r-rappreżentanza ġudizzjarja; għax ir-rappreżentanza ġudizzjarja lill-kapijiet tad-dipartimenti hija mogħtija b'mod ġenerali mill-liġi ordinarja; u ma tistax tiġi miċħuda din ir-rappreżentanza lil kap ta' dipartiment fuq il-motiv li dak id-dipartiment ġie kreat minħabba l-emerġenza tal-gwerra u bis-saħħa ta' setgħat eċċezzjonali li kellu l-Gvernatur.***

Il-Qorti — Rat is-sentenza preliminari minnha mogħtija fis-27 ta' Ġunju 1949, fejn tinsab riportata ċ-ċitazzjoni ta' l-attur u s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà tar-Re fit-3 ta' Ġunju 1948, bil-motivi premessi, kif ukoll in-noti ta' l-appell u l-petizzjonijiet ta' l-Onor. Dr. Paul Boffa,

O.B.E., bħala Prim Ministru, Onor. Dr. Arthur Colombo bħala Ministru tal-Finanzi, Onor. Bertram Camilleri bħala Ministru ta' l-Industrija u Kummerċ, u Onor. Edgar Cuschieri, O.B.E., bħala Teżorier tal-Gvern u Direttur tal-Kuntratti, kollha in rappreżentanza tal-Gvern ta' Malta, u dawk ta' Eustratius Petrocochino, C.B.E., flimkien mar-risposti ta' l-attur, u li biha ġiet respinta l-eċċezzjoni tan-nullità ta' l-appell magħmul mill-Onorabbli Dr. Bofla nomine, Dottor Colombo nomine, Camilleri nomine u Cuschieri nomine, għaż-żewġ kawżalijiet sottomessi mill-appellat; bl-ispejjeż kontra l-istess appellat;

Rat is-sentenza preliminari l-oħra, mogħtija minn din il-Qorti fit-3 ta' Frar 1950, li biha ġiet respinta t-tielet eċċezzjoni kontenuta fin-nota fil-fol. 78 tal-proċess, u ġie dikjarat li l-eċċezzjonijiet l-oħra kontenuti fl-istess nota huma punti ġà trattati u eliminati bis-sentenza preċedenti tas-27 ta' Ġunju 1949, bl-ispejjeż kontra l-appellant;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-appellanti kollha ġiebu l-quddiem fil-petizzjoni tagħhom l-eċċezzjoni ta' l-illeġittimità tal-persuna, billi jsostnu li l-konvenut Petrocochino fil-kwalità li ġie ċitat ma jistax jirrappreżenta lill-Gvern ta' Malta. Dina l-eċċezzjoni tista' tingħata meta l-attur jew il-konvenut huwa nkapaċi skond il-liġi biex joqgħod fil-kawża, inkella biex iħarrek jew jiġi mħarrek fl-isem u fl-interess ta' ħaddieħor mingħajr ma jkun awtorizzat skond il-liġi għal daqs hekk (art. 781 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). L-art. 789 ta' l-istess Kodiċi jiddisponi, fost affarijiet oħra, li l-imsemmija eċċezzjoni ta' l-illeġittimità ma tistax tingħata kontra ebda waħda mill-persuni ndikati taħt il-paragrafu (a) ta' l-art. 180 ta' l-imsemmi Kodiċi. Fost dawn il-persuni jinsabu elenkati l-Kapijiet ta' Dipartimenti jew amministraturi pubbliċi oħra;

Ikkunsidrat;

Illi b'Notifikazzjoni tal-Gvern numru 125 tal-5 ta' April 1940, il-konvenut Petrocochino kien ġie nominat Uffiċjal għall-Kontroll ta' l-Ikel u Kummerċ b'seħħ mill-1 ta' April 1940. Dik in-nomina saret bis-saħħa tal-poteri mogħtijin lill-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur bl-art. 1 ta' l-Att ta' l-1939 tad-Di-

fiża dwar is-setgħat ta' l-Emerġenza, kif estiż għal Malta bl-"Emergency Powers (Colonial Defence) Order-in-Council, 1939". Bl-istess Notifikazzjoni tal-Gvern ġie mgħarraf li l-Uffiċjal għall-Kontroll ta' l-Ikel u Kummerċ kellu jkun l-awtorità kompetenti għall-finijiet tar-Regolament 50 tal-Regolamenti ta' l-1939 għal Malta dwar id-difiża. L-imsemmi Regolament 50, fost affarijiet oħra, jagħti s-setgħa lill-awtorità kompetenti, jekk jidhirlu li jkun meħtieġ fl-interess tad-difiża, jew għat-tmexxija tajba tal-gwerra, jew għall-manteniment tal-provvisti u servizzi essenzjali għall-ħajja tal-popolazzjoni, li tagħti ordni biex tipprovdi għar-regolar jew projbizzjoni tal-produzzjoni, trattament, tiżmim, ħżin, moviment, trasport, tqassim, bejgħ, xiri, użu jew konsum, ta' oġġetti ta' kull xorta;

Ikkunsidrat;

Illi huwa magħruf li malli bdiet l-aħħar gwerra ġie mwaqqaf il-"Food and Commerce Control Office". Dan kien dipartiment ġdid, li ġie kreat minħabba l-emerġenza gravi tal-gwerra li l-pajjiż kien jinsab fiha. Il-funzjoni prinċipali ta' dak id-dipartiment kienet il-kontroll tal-provvisti kollha li kienu jinsabu f'Malta, kif ukoll l-importazzjoni u l-kontroll tal-ġeneri kollha li kienu neċessarji għall-popolazzjoni; u dak il-kontroll, għalkemm fi grad limitat, għadu għal ċerti ġeneri jeżisti sal-lum. Bħala kap tad-dipartiment fuq imsemmi ġie nominat il-konvenut Petrocochino, b'seħħ mill-1 ta' April 1940, u wara li dan irtira mis-servizz minħabba l-limiti ta' l-età, ġie nominat Frank Agius, li fl-imsemmija kwalità assuma l-atti tal-kawża flok Petrocochino;

Tikkunsidra;

Illi l-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà tar-Re, b'sentenza tas-27 ta 'Ottubru 1931 in re "Falzon vs. Galizia nomine", konfermata minn dina l-Qorti b'sentenza tal-20 ta' Novembru 1931, irriteniet li "il capo di un dipartimento è la persona legittima a rappresentare il governo per un atto compiuto o da compiersi da lui nell'esercizio delle sue funzioni. Il Direttore del Real Teatro e dell'Accademia di Musica doveva ritenersi il capo di un dipartimento per i fini suddetti"; u għamlet riferenza għas-tenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà tar-Re fil-25 ta' Lulju 1898 in re "Perez vs. Trapani" (Kollez. Vol. XVI, parte II, pag. 306), u għall-oħra mogħtija minn din

il-Qorti fit-3 ta' Novembru 1909 in re "Borg vs. Merewether";

L-appellanti jsostnu li n-nomina ta' Petrocochino, u dik tas-suċċessur tiegħu Frank Agius, hija bażata fuq l-imsemmi Regolament 50, li ma jagħtix is-setgħa tar-rappreżentanza ġudizzjali, pretiża mill-attur appellat, lill-awtorità kompetenti nominata bis-saħħa tiegħu. Iżda din il-pretensjoni ta' l-appellanti ma tistax tiġi milqugħa; għaliex dik ir-rappreżentanza hija mogħtija b'mod ġenerali mill-liġi ordinarja lill-kapijiet ta' dipartimenti "per gli atti compiuti o da compiersi da loro nell'esercizio delle loro funzioni"; u ma hemmx raġuni li tiġi miċħuda f'dan il-każ billi d-dipartiment in kwistjoni nħoloq minħabba l-emerġenza tal-gwerra u bis-saħħa tas-setgħat eċċezzjonali mogħtija lill-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur. Għalhekk, jekk l-att li fuqu l-attur appellat qiegħed jibbaża din il-kawża ġie kompjut mill-Uffiċjal għall-Kontroll ta' l-Ikel u Kummerċ fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu, dak l-uffiċjal huwa l-persuna leġittima biex jirrappreżenta l-Gvern ta' Malta f'din il-kawża;

Fuq dan il-pont għandu jiġi rilevat li, kif sostniet din il-Qorti fit-30 ta' Ġunju 1933 in re "Onor. Avv. Enrico Mizzi ne. vs. Onor. Prof. Sir A. Bartolo" (Kollez. Vol. XXVIII, parte I, pag. 463), "è di giuridica evidenza che la ragione del decidere sulla pregiudiziale eccezione della illegittimità della persona dell'attore o del convenuto, quando tale eccezione è basata sulla allegazione del difetto del titolo della rappresentanza nella materia formante oggetto della domanda, non ha da essere tratta d'altronde se non dai termini della domanda stessa e della causale su cui si fa basare";

Ikkunsidrat;

Illi l-kawża tat-talba fiċ-ċitazzjoni tirrigwarda trasport minn Sqallija għal Malta ta' nbid u merkanzija oħra, li l-attur appellat jippretendi li sar b'inkariku tal-konvenut Petrocochino fil-kwalità tiegħu ta' Uffiċjal għall-Kontroll ta' l-Ikel u Kummerċ, u ksur ta' kondizzjonijiet miftehma għal dak it-trasport. Mid-domanda u mill-kawżali taċ-ċitazzjoni jidher li l-kwistjoni nvoluta hija relativa għat-trasport ta' provvisti u merkanzija meħtieġa għall-popolazzjoni. Il-manteniment u x-xiri ta' dawk il-provvisti jidħol fil-funzjoni ta' l-Uffiċjal għall-Kontroll ta' l-Ikel u Kummerċ, bħala awtorità kompetenti skond l-imsem-

mi Regolament 50; u hija ħaġa naturali li f'dik il-funzjoni jidħol ukoll it-trasport konsegwenti għax-xiri ta' dawk il-provvisti;

Ikkunsidrat;

Illi l-konklużjoni fuq imsemmija, li għaliha waslet din il-Qorti, tinsab ukoll konfortata mis-sentenza tagħha tat-30 ta' Novembru 1903 in re "Avvocato della Corona vs. Stannus Geoghan ne." (Kollez. Vol. XVIII, parte I, paġ. 108) fejn ġie ritenut illi l-fatt li l-Kollettur tad-Dwana kellu l-attribuzzjoni li jdaħħal għan-nom tal-Gvern id-dazji stabbiliti mit-tariffi doganali kien iġib bħala konsegwenza li dak l-uffiċjal kellu jidher għall-Gvern fil-kawżi għar-riskossjoni ta' dawk id-dazji skond l-art. 466 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili. Id-dispożizzjoni kontenuta f'dan l-aħħar artikolu tagħti lil Kap ta' Dipartiment id-dritt li jagixxi għall-ħlasijiet pertinenti għad-dipartiment taħt it-tmexxija tiegħu; u in vista ta' dak id-dritt lilu mogħti mill-liġi, huwa loġiku u naturali li kontra tiegħu għandhom jiġu diretti l-azzjonijiet li għalihom għandu jirrispondi d-dipartiment li għalih jinsab prepost;

Ikkunsidrat;

Illi għar-raġunijiet fuq miġjuba, l-eċċezzjoni ta' l-illeġittimità tal-persuna ma tistax tiġi milqugħa, billi l-Uffiċjal għall-Kontroll ta' l-Ikel u Kummerċ huwa skond il-liġi persuna leġittima biex jirrappreżenta l-Gvern ta' Malta f'dik il-kawża;

Għaldaqshekk;

Tirrespinġi l-eċċezzjoni ta' l-illeġittimità tal-persuna opposta mill-appellanti kollha, bl-ispejjeż kontra tagħhom; u tordna li l-kawża titkompla għat-trattazzjoni fil-meritu.